

Brussell, 11 ta' Ġunju 2025
(OR. es)

9260/25
ADD 2

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0169 (COD)

JUSTCIV 102
JAI 653
EJUSTICE 31
CODEC 657
FREMP 133

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Suġġett: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-
ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tal-miżuri u l-
kooperazzjoni fi kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-adulti

- Approċċ ġenerali parzjali
- Dikjarazzjoni minn Spanja

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-dikjarazzjoni minn Spanja għall-minuti tal-Kunsill.

Regolament dwar il-protezzjoni tal-adulti

Spanja għandha l-istess objettivi fil-mira bħall-proposta għal Regolament biex jittejjeb it-trattament f'każijiet transfruntieri li jinvolvu adulti b'indeboliment jew insuffiċjenza tal-fakultajiet personali tagħhom.

Madankollu, ma nistgħux nappoġġaw l-approċċ parzjali propost. Aħna nqisu li t-test propost mhuwiex ambizzjuż biżżejjed u kellu jagħmel aktar, u jieħu kont tal-prinċipji li jinsabu fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, li, mill-adozzjoni tagħha fl-2006, kienet u għadha bbażata fuq ir-rispett għall-awtonomija tan-nies, l-awtodeterminazzjoni tagħhom, u l-istabbiliment ta' miżuri ta' appoġġ, inkluż miżuri informali, li jirrispettaw ir-rieda u x-xewqat tal-persuni b'diżabbiltà.
